# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR JOSEPH XERRI)**

**-Vs-**

**RAMMI RAJAB ALI RATIMA**

**(ID: 0143334A)**

**ELIASU MOHAMMED**

**(MD 0025211)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 202/2019**

**Illum, 30 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **RAMMI RAJAB ALI RATIMA** ta' 29 sena, iben Rajab u Fejruz nee' Gridal mwieled Tripoli, il-Libya nhar it-3 ta' Jannar 1990 u residenti Hurd's

Bank Apartments, Flat 3, Triq ix-Xmiel, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0143334A u

**ELIASU MOHAMMED** ta' 20 sena, iben Mohammed u Adiba nee' Seidu mwieled f'Accra, il-Ghana nhar it-2 ta' Mejju 1998 u minghajr indirizz fiss, detentur tad-dokument tal-ivjaggar Taljan bin-numru MD 0025211 tressqu quddiemha akkuzati talli:

Nhar il-31 ta' Marzu, 2019 għal ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u nħawi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti u mobile phone għad-dannu ta' Geoffrey Yacoub, liema serq huwa kkwalifikat bil-'vjolenza' u bil-'ħin';

2. Ikkommettew serq ta' mobile phone għad-dannu ta' Kurt Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin;

3. Ikkommettew attentat ta' serq għad-dannu ta' Brandon Farrugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin;

4. Bla ordni skond il-liġi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Brandon Farrugia kontra l-volonta' tiegħu bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex l-istess Brandon Farrugia jiġi mġiegħel jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

5. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instabu fis-sakra b'mod li ma setawx jieħdu ħsieb tagħhom infushom;

**Eliasu Mohammed** akkuzat waħdu talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi:

6. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

7. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi flesekuzzjoni ta' dak is-servizz;

8. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixxklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew setgħa jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi;

9. Irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor inkarigat min servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularijiet oħra;

10. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Eliasu Mohammed** akkuzat waħdu talli fl-istess data u s-snin ta’ qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

11. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha;

**Eliasu Mohammed** akkuzat talli fl-istess data u x-xhur ta’ qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

12. Għex ħajja ta’ għażż u vagabundaġġ;

Il-Qorti hija giet mitluba ukoll li f'każ ta’ ħtija, ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputati iħallasu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

[1] Dok. SG1 a fol. 15.

Semghet il-provi, u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fis-17 ta' Lulju 2019;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza tal-imputat Eliasu Mohammed fit-22 ta' Lulju 2019;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza tal-imputat Rammi Rajab Ali Ratima fit-23 ta' Lulju 2019;

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019 il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**PROVI**

**P.S. 790 Nathan Zerafa** xehed illi fil-31 ta' Marzu 2019 huwa kien ghassa gewwa Paceville u gie jirrapporta ghandu persuna ta' nazzjonalita` Franciza, illi zewg persuni kienu ghadhom kif serquh, hadulu l-mobile u €10 fi flus kontanti u tawh daqqa ta' ponn gol-istonku. Din il-persuna qallu wkoll illi kien ghadu kif ra l-persuni li aggredewh u serquh vicin l-ATM tal-Bank of Valletta fi Triq San Gorg. Ix-xhud spjega illi huwa mar dak il-hin bil-vettura flimkien mal-vittma u ma' zewg ufficjali ohra tal-Pulizija fuq il-post fejn il-vittma indikalhom zewg persuni li x-xhud gharafhom bhala z-zewg imputati. Qal li meta nizel mill-vettura ra li fin-nofs bejn dawn iz-zewg persuni kien hemm persuna ohra Malti jismu Brandon Farrugia quddiem l-ATM. Ix-xhud spjega li kien din il-persuna tal-ahhar ra li kienu gew il-Pulizija, huwa qalilhom "*imnalla gejtu ghax salvajtuni*" u dak il-hin ix-xhud ta struzzjonijiet liz-zewg persuni li kienu ma' Brandon Farrugia, sabiex jghollu idejhom biex jigu arrestati. Wiehed minn dawn il-persuni, li x-xhud gharaf bhala l-imputat Eliasu Mohammed, kellu tazza b'xi likwidu go fiha u kif dan nizzel it-tazza, fil-pront hareg zewg mobiles mill-but, "*waddabhom quddiemi, ta salt imbuttani u harab jigri*." Ix-xhud u l-kuntistabbli bin-numru 191 li kien mieghu, grew ghal warajh u bdew ifittxuh. Meta lahhquh anke bl-assistenza ta' membri tal-SIU u pprovaw jarrestaw lil Mohammed, hu ma hallihomx jarrestawh u skont ix-xhud, deher li seta' kien fi stat aggressiv, beda jirrezisti tant illi x-xhud kellu diffikolta` biex ilibbislu l-manetti, u fost hafna ghajjat bl-Ingliz bhal "*mhux jien, halluni*", kien qieghed ukoll ixejjer idejh biex jipprova jolqothom. Qal illi fil-frattemp PC 736 kien irnexxilu jarresta lil Rammi Rajab Ali Ratima izda kien qal lix-xhud li l-imsemmija persuna ma obdietx l-ordnijiet li kien tah dak il-hin.

**Ix-xhud zied jghid ukoll illi dak il-lejl xi saghtejn qabel, certu persuna ohra, Kurt Borg, irrapporta illi zewg persuni ta' karnaggjon skur kienu serqulu l-mobile minn ma' widnejh waqt li kien qed icempel u miexi gewwa Triq San Gorg, San Giljan**. Ix-xhud spjega li huwa jaf lil Kurt Borg ghaliex huwa mill-Gzira fejn kien joqghod hu wkoll u meta xeghel wiehed mill-mobile phones li kien rema' fl-art

quddiemu l-imputat Eliasu Mohammed, ra illi l-ahhar signal tal-GPS kien fl-inhawi ta' Manoel Island u ghalhekk fehem li l-mobile seta' jappartjeni lill-istess Kurt Borg. Qal li sussegwentement, l-ghada, Kurt Borg gharaf wiehed mill-imsemmija mobile phones bhala l-mobile phone li nsteraqlu. Ix-xhud gharaf dan l-istess mobile phone, tad-ditta Samsung, bhala dak esebit bhala Dok. JS1 appartenenti lil Kurt Borg. Ix-xhud qal ukoll li l-mobile phone l-iehor gharfu mill-ewwel dak il-lejl stess Geoffrey Yacoub.

**Kurt Borg** xehed[2] illi fil-31 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-12.15 a.m. kien qieghed Paceville niezel it-triq fejn il-hanut tal-pastizzi u hekk kif hareg il-mobile biex icempel, giet persuna minn magenbu li hatfet il-mobile minn idejh u telaq jigri bih. Ix-xhud qal li huwa gharaf il-persuna li seraqlu l-mobile bhala l-imputat bit-toppu, Eliasu Mohammed mar jaghmel rapport lill-Pulizija. Zied jghid illi l-mobile huwa gie infurmat mill-Pulizija li kienu sabu l-mobile tieghu l-Ghassa ta' San Giljan u x-xhud gharaf il-mobile phone li nsteraqlu, bhala l-mobile phone esebit in atti bhala Dok. JS1 ghad li dan kien imkisser, ghaliex dan kien ta' lewn beige. Ix-xhud spjega illi peress li l-mobile phone kien imkisser u ma hadimx meta xeghlu, kellu jixtri mobile phone gdid minghand il-hanut bl-isem Phonebox, u gharaf id-dokumenti esebiti bhala Dok. JS5 u JS6 relattivament ghax-xiri ta' mobile phone Samsung J3, inkluz il-firma tieghu fuq il-warranty form tal-mobile phone gdid li kien xtara[3].

In kontro-ezami ix-xhud qal illi kienu l-Pulizija li qalulu l-ghada tas-serqa li l-persuna li seraqlu l-mobile kien mill-Ghana. Ikkonferma wkoll illi l-Pulizija ma wrewh ebda ritratti tal-persuna li allegatament seraqlu l-mobile u l-persuna ma kienetx fl-Ghassa tal-Pulizija meta mar hemmhekk l-ghada. Hu gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ghamillu l-hazin u li hataflu l-mobile l-ewwel darba waqt li kien qed jixhed quddiem il-Qorti. Fisser illi meta mar jirrapporta s-serqa id-deskrizzjoni li huwa ta lill-Pulizija

[2] 10 ta' April 2019.

[3] Dok. 52A u 53 sa 55.

tas-suspettat kienet illi huwa barrani u "iswed" u kellu beritta fuq rasu izda ma regghex rah qabel gie jixhed quddiem il-qorti. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi ghalkemm il-Pulizija kienu tawh lura l-mobile tieghu, huwa rega' tahulhom lura wara li kien xtara mobile gdid ghaliex l-antik ma kienx qed jahdem.

**<u>Brandon Farrugia</u>** xehed illi fil-31 ta' Marzu 2019 huwa kien barra l-istabbiliment Sky Club gewwa Paceville ghall-habta tat-3.30 a.m jew l-4.30 a.m., ghaliex dakinhar inqalbet is-siegha. Kien bilqieghda fuq il-bankina wahdu u gew zewg guvintur li huwa gharaf bhala l-imputati, u hadulu l-moblie minn idejh. Qal illi dawn iz-zewg persuni qalulu t-tnejn li huma u bl-Ingliz imfarrak, li jridu l-flus biex jaghtuh lura l-mobile tieghu, u billi ma kellux flus fuqu mar l-ATM li kien jinsab kantuniera 'l boghod madwar 50 metru, biex jigbed il-flus ghaliex ried il-mobile lura. Ix-xhud fisser li dawn il-persuni ma talbuhx ammont u kien huwa stess li qalilhom li hemm ATM fil-vicin u seta' jigbed il-flus biex jaghtuh lura l-mobile. Qal ukoll li hawnhekk iz-zewg persuni mxew hdejh "u ezatt kif qieghed hdejn l-ATM, gol-ATM kien hemm zewg Pulizija u qabduhom fil-fatt." F'dan l-istadju, skont ix-xhud, huwa kien ezatt ser jibda jigbed il-flus u sadanittant iz-zewg persuni kienu "*ezatt ma' genbi*". Ix-xhud qal li ma jafx liema wiehed mill-imputati kellu l-mobile tieghu izda kif "*gew il-Pulizija u qabdu dawn iz-zewg guvintur ... tawni l-mobile lura il-Pulizija ghax wara li qabduhom kellu il-mobile tieghi u xi mobile iehor u tipo gharaft il-mobile tieghu u tawuli.*"[4] Ix-xhud zied jghid illi x'hin waslu l-Pulizija wiehed mill-persuni harab jigri izda ma jiftakarx liema wiehed minnhom harab. Qal li ra wkoll l-iehor ukollipprova jahrab izda l-Pulizija gew warajh *"u qabduh litteralment fi ftit sekondi. ... x'hin qabduh il-Pulizija qalulhom give us the phones, hadulhom il-mobile minghandhom"*.

In kontro-ezami, ix-xhud qal li huwa kien xurban dak il-hin u kien wahdu. Ikkonferma wkoll illi minn fejn kien bil-qieghda barra l-istabbiliment sakemm waslu l-ATM, damu inqas minn minuta u sadanittant mieghu kien hemm biss iz-zewg

---

[4] Fol. 66.

persuni l-ohra li hadulu l-mobile u kien hemm biss ftit persuni ohra fit-triq. Dawn iz-zewg persuni "*kienu qed jimxu magenbi*" izda ma jiftakarx kienux mexjin wiehed fuq kull naha.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk "*Hassejtekx mhedded li ma stajtx titlaq jew tmur x'imkien iehor jew semplicement ghax ridt il-mobile*", huwa wiegeb "*Mhux ha nitlaq hekk mhux ha niehu l-mobile lura*".

"*L-unika raguni li bqajt timxi maghhom jew huma jimxu mieghek.*"

"*Ezatt.*"

Ix-xhud stqarr ukoll illi huwa ma kellux portmoni fuqu dakinhar u ma lahaq hareg l-ebda card meta waslu hdejn l-ATM ghaliex effettivament ma kellux il-card fuqu izda dak il-hin kien nesa li ma kellux card.

**P.C. 736 Martin Buttigieg** xehed[5] illi fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019 waqt li kien stazzjonat gewwa Paceville, ghall-habta tat-3.30 a.m. jew l-4.00 a.m. gie jirrapporta ghandu persuna Franciza certu Geoffrey Alexis Yacoub illi kienu serqulu l-mobile u €10 fi flus kontanti. Huwa ddeskriva zewg persuni twal lebsin il-gkieket u ftit wara, ghall-habta tal-4.15 a.m. jew 4.20 a.m. l-istess ragel rega' gie u qalilhom li z-zewg persuni kienu qeghdin hdejn l-ATM tal-Bank of Valletta u x-xhud, P.S. 790 u P.C. 191 marru bil-karozza flimkien ma' Yacoub u sabu lil dawn iz-zewg persuni u persuna ohra qasira fin-nofs, certu Brandon, qieghed jigbed il-flus mill-ATM. Ix-xhud identifika lil dawn iz-zewg persuni bhala l-imputati prezenti fl-awla. Spjega illi kif waqfu u avvicinaw lil dawn it-tliet persuni, il-Malti pprova jigbed l-attenzjoni taghhom u wiehed mill-persuni l-ohrajn beda jghid li m'huma qed jaghmlu xejn hazin. Kompla jghid illi s-Surgent avvicina lill-imputat Eliasu Mohammed li "*kellu drink f'idu u qallu biex inehhih, u dak il-hin l-imputat rema' zewg mobiles mal-art u harab*

[5] 25 ta' April 2019.

*jigri."* Ix-xhud qal li Brandon Farrugia qallu li kien qed jipprova jigbed il-flus biex ihallashom. **Meta huwa arresta lil Rammi Rajab Ali Ratima, fil-pussess tieghu kellu l-mobile ta' Geoffrey Yacoub u dan gharaf dan il-mobile bhala tieghu tant illi meta dahhal il-password quddiem ix-xhud, dan infetah. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi fuq il-persuna tal-imputat Rammi Rajab Ali Ratima, meta sarlu tfittxija fil-presenza tieghu, instablu biss il-mobile ta' Yacoub** izda fuq l-imputat Eliasu Mohammed instab pakkett b'sustanza bajda mohbija go xaghru liema sostanza giet elevata fil-presenza tieghu[6].

**<u>P.C. 191 Alan Sammut</u>** xehed illi fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019 kien ghassa gewwa Paceville u ghall-habta tal-4.30 a.m. gie jirrapporta Geoffrey Alexis li zewg persuni ohra kienu hadulu l-mobile tieghu u madwar €10 u kienu issa hdejn il-BOV ta' San Giljan. Ix-xhud spjega illi marru flimkien ma' din il-persuna fil-karozza tas-servizz fejn hija identifikat liz-zewg persuni li kienu hdejn l-ATM flimkien ma' persuna ohra li kienet qed tigbed il-flus.

Ix-xhud zied jghid illi Eliasu Mohammed li gharfu bhala wiehed mill-imputati fl-awla, harab waqt li kien qed ikellmu PS 790 u huma telqu jigru warajh fid-direzzjoni tax-xatt u gewwa car park kbira, minn fejn sussegwentement rega' hareg l-imputat. Fisser li dak il-hin l-imputat kien aggressiv hafna, beda jxejjer idu u pprova jerga' jahrab tant li meta x-xhud qabbdu mill-flokk, huwa nehha wkoll il-flokk biex jevita l-arrest.

**<u>Geoffrey Alexis Yacoub</u>** xehed[7] illi fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019 huwa kien go triq f'Paceville hdejn St. George's Bay u avvicinawh zewgt irgiel, huwa kien xorob ftit, kellu l-mobile f'idejh u wiehed minn dawn l-irgiel hadlu mal-ewwel il-mobile. Qal illi t-tieni persuna kienet warajh u "*bdew jghiduli li ser joqtluni jekk ma*

[6] Esebita mill-Ispettur Joseph Xerri bhala Dok. JS4 – fol. 52.

[7] 25 ta' April 2019.

*nkunx se naghtihom dak kollu li kelli fuqi*." Ix-xhud gharaf fl-awla lill-imputat Rammi Rajab Ali Ratima bhala l-persuna illi hadlu l-mobile u zied jghid li dan l-imputat "*Hadli l-mobile minn idejja, iccekkjali kollox basically il-bwiet*" u hadlu wkoll €10. Qal illi meta huwa talbu jaghtih il-mobile lura, din il-persuna qaltlu li kien ser joqtlu. Zied jghid ukoll illi kellmu bil-lingwa Ingliza u fil-mument li pprova jiehu lura l-mobile l-imsemmija persuna tah zewg daqqiet fl-istonku. Huwa mar jirrapporta lill-Pulizija li kienu gewwa Paceville u meta ghadda mill-istess zona biex jipprova jsibhom rahom vicin l-entratura tal-Westin u, akkompanjat mill-Pulizija sabuhom hdejn l-ATM ta' bank u maghhom kien hemm persuna ohra. Skont ix-xhud, wiehed mill-irgiel harab jigri u l-iehor baqa' hemm. **Ikkonferma li l-mobile tieghu rega' hadu lura ghaliex il-Pulizija sabuh fuq il-persuna tal-imputat li huwa gharaf bhala l-imsemmi Rammi Rajab Ali Ratima**.

**Ix-xjenzat Godwin Sammut** illi fl-10 ta' April 2019 kien nominat mill-Qorti sabiex janalizza s-sustanza konsistenti fi trab ta' lewn abjad, esebita f'Dok. JS4, ipprezenta[8] r-rapport tieghu Dok. GS1[9] u xehed illi s-sustanza li kien fiha 0.57 gramma u rrizultat pozittiv ghal paracetamol li hija l-active ingredient tal-panadol, u ma kienx hemm sustanzi ohrajn illeciti fit-trab in kwistjoni.

**Paul Scerri**, manager tal-kumpannija Phone Box Malta Limited ikkonferma illi d-dokumenti esebiti bhala Dok. JS5 u JS6 huma kopja ta' ricevuta u garanzija ta' zewg mobile phones mixtrijin minn Kurt Borg minghand l-imsemmija kumpannija, wiehed ghall-prezz ta' €139 fil-11 ta' Dicembru 2017 u l-iehor ghall-prezz ta' €169 fl-1 ta' April 2019.

---

[8] 20 ta' Gunju 2019.

[9] A fol. 90 *et seq*.

L-ebda wiehed mill-imputati ma xehed f'dawn il-proceduri izda entrambi kienu rilaxxaw stqarrija fil-31 ta' Marzu 2019[10].

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat **Rammi Rajab Ali Ratima** stqarr *inter alia* illi huwa kien Paceville flimkien ma' persuna ohra ta' karnaggjon skur li jitkellem bl-ingliz, jismu Mohammed. Lil Mohammed huwa jafu Paceville u qal li dak il-lejl iltaqa' mieghu fil-Havana izda nnega li huwa seraq xi flus jew mobile phones jew li kellu x'jaqsam ma' xi bejgh ta' droga.

**Eliasu Mohammed** fl-istqarrija tieghu wkoll ikkonferma li huwa kien flimkien ma' Rammi Rajab Ali Ratima dakinhar u illi ra lill-imputat l-iehor miexi lejn l-ATM flimkien ma' guvni iehor izda nnega li huwa kien maghhom. Stqarr ukoll illi huwa pprova jahrab mill-Pulizija meta avvcinawh u qalulu biex jitlaq dak li kellu f'idu, u qal li huwa harab ghaliex beza' mhux ghaliex kien ghamel xi haga hazina. Innega illi huwa seraq xi mobile phones jew flus minghand persuni ohrajn u cahad ukoll li xehet xi mobile phone mal-art meta gew il-Pulizija. Izda l-imputat fl-istess stqarrija tieghu ammetta illi sabiex seta' akkwista passaport mill-Italja huwa kien ipprova data tat-twelid falza u filwaqt li kien iddikjara lill-awtoritajiet Taljani gewwa Trapani illi huwa kien twieled fit-2 ta' Mejju 1998 ikkonferma illi d-data tat-twelid effettiva tieghu hija 19 ta' Mejju 1995. L-imputat sqtarr ukoll fl-istess stqarrija illi huwa rifugjat u kien ilu tliet snin jghix l-Italja u sussegwentement gie joqghod Malta, u dan madwar sitta jew seba' xhur qabel. Huwa issottometta lill-Pulizija dokument tal-ivvjaggar tal-Italja mahrug f'ismu, liema dokument gie eventwalment esebit fl-atti bhala Dok. JS3.

## IR-REATI ADDEBITATI LIZ-ZEWG IMPUTATI

[10] Esebiti rispettivament bhala Dok. SG13 u SG14.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

L-imputati gew mixlija li kkommettew serq ta' flus u mobile phone ghad-dannu ta' Geoffrey Yacoub, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin.

Wara li fliet ix-xhieda tal-imsemmi Geoffrey Alexis Yacoub, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-persuna li wettqet dan is-serq kien proprju l-imputat Rammi Rajab Ali Ratima. Quddiem il-Qorti il-vittma gharaf lill-imsemmi imputat bhala l-persuna li haditlu l-mobile, fittxitlu fil-bwiet u haditlu €10 f'kontanti, oltre li heddu u tah zewg daqqiet fl-istonku. Jirrizulta wkoll anke mix-xhieda ta' P.S. Nathan Zerafa, P.C. 736 Martin Buttigieg u P.C. 191 Alan Sammut, illi kienu lkoll marru jfittxu, flimkien ma' Geoffrey Yacoub, liz-zewg persuni li l-istess vittma kien irrapporta li kienu ghadhom kif serquh, li huma kienu sabu lill-imsemmi imputat flimkien mal-imputat Eliasu Mohammed hdejn l-ATM tal-bank. L-imsemmi vittma kif ukoll P.C. 736 Martin Buttigieg affermaw fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti illi dak il-hin fuq il-persuna tal-imputat Rammi Rajab Ali Ratima nstab dak il-hin stess il-mobile phone ta' Yacoub liema mobile phone intgharaf minnu fil-prezenza tal-istess P.C. 736 bhala tieghu u fil-fatt gie ritornat lilu minnufih. Ghaldaqstant, ghalkemm ma jirrizultax li nstab fuq il-persuna tieghu il-flus kontanti li l-vittma qal li nsteraqlu[11], m'hijiex korretta s-sottomissjoni tad-difiza tal-imsemmi imputat Rammi Rajab Ali Ratima illi hu ma kellu ebda rabta mas-serqa in kwistjoni u ma gewx misjuba fuqu ebda oggetti relatati mas-serq. Ghall-kuntrarju, gie ppruvat illi nstab fuqu proprju r-*res furtiva* konsistenti fil-mobile phone appartenenti lil Geoffrey Alexis Yacoub.

[11] €10.

Fil-gabra tal-provi kollha akkwiziti fl-atti processwali inkluz l-istqarrijiet taz-zewg imputati li t-tnejn affermaw illi kienu ghal certu hin fil-kumpannija ta' xulxin fil-lejl in kwistjoni, il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi meta l-imputat Rammi Rajab Ali Ratima kkommetta s-serq tal-mobile u flus ghad-detriment ta' Geoffrey Yacoub, huwa kien flimkien ma' persuna ohra li Yacoub iddeskriva li kienet warajh waqt li l-imputat Ali Ratima seraqlu l-mobile u fittixlu fil-bwiet. Madanakollu, il-Qorti ma tqisx li hemm bizzejjed provi biex twassalha ghall-konvinciment morali illi l-imputat l-iehor Eliasu Mohammed jista jinsab hati ta' din is-serqa, mhux biss ghaliex il-vittma f'ebda mument ma gharaf lill-imsemmi imputat Mohammed bhala l-persuna l-ohra li wkoll hedditu biex taghtih il-flus kollu li kellu fuqu, izda wkoll ghaliex fl-istqarrija tieghu l-imputat Ali Ratima stqarr illi huwa kien ilu fil-kumpannija tal-imputat l-iehor Mohammed biss xi kwarta qabel waslu l-Pulizija meta kienu hdejn l-ATM u ma tressqu ebda provi ohrajn li jeghlbu din l-allegazzjoni. Tassew ma hemm xejn fl-atti li jikkonvinci lill-Qorti illi kien effettivament l-imputat Mohammed, li wara kollox cahad kategorikament fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni, li kkommetta dan ir-reat u seraq flus u mobile phone minghand persuna Franciza, jew li kien il-persuna l-ohra li l-vittma ddeskriva li kien hemm prezenti waqt din is-serqa, wisq anqas illi kien hu li effettivament ikkommetta din is-serqa.

**Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju illi Eliasu Mohammed ikkommetta s-serq ghad-dannu ta' Geoffrey Yacoub u mhijiex ser issibu hati tal-ewwel imputazzjoni.**

Dan kollu jfisser illi s-serq addebitat fl-ewwel imputazzjoni gie kommess mill-imputat Rammi Rajab Ali Ratima u fil-fehma tal-Qorti gie ppruvat sodisfacjentement illi s-serq huwa kwalifikat bil-hin, billi jirrizulta inkonfutabbilment li s-serqa twettqet wara nzul ix-xemx, kif ukoll bil-vjolenza stante illi kif xehed il-vittma Geoffrey Yacoub, immedjatament wara li nsteraqlu l-mobile u hekk kif huwa talab lill-imputat Rammi

Rajab Ali Ratima Qal jaghtih il-mobile lura, dan l-istess imputat qallu li kien ser joqtlu u kif ipprova jiehu lura l-mobile, l-imsemmija persuna tah zewg daqqiet fl-istonku.

Ghalkemm huwa minnu illi ma ngiebet l-ebda prova medika li l-vittma soffriet offiza fuq il-persuna taghha, huwa wkoll minnu illi sabiex is-serq jitqies li huwa kwalfikat bil-vjolenza huwa bizzejjed li jigi akkumpanjat minn wiehed mic-cirkostanzi msemmija fis-subincizi (a) sa (c) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 262 tal-Kap. 9, fosthom li s-serq jigi kommess flimkien "*ma'* ***theddid, bil-miktub jew bil-fomm****, ta' omiċidju, jew* ***ta' offiża fuq il-persuna*** *jew ta' ħsara fil-proprjetà*". Fil-kaz *de quo*, gie sodisfacjentement ippruvat mix-xhieda tal-vittma Geoffrey Yacoub, inkontestata fir-rigward, illi l-att ta' vjolenza konsistenti fit-theddida dwar offiza fuq il-persuna, saret mhux biss minnufih wara li l-imputat seraqlu l-mobile, izda appuntu "*sabiex il-hati ma jhallix tigi lilu mehuda lura l-haga misruqa*". Din ic-cirkostanza hija bizzejjed, skont id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 263, sabiex dan l-att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq.

**Ghaldaqstant, l-imputat Rammi Rajab Ali Ratima ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.**

## It-Tieni Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni taddebita liz-zewg imputati r-reat ta' serq ta' mobile phone a dannu ta' Kurt Borg, liema serq huwa kwalifikat bil-hin.

Meta xehed, Kurt Borg iddeskriva lill-persuna li seraqlu l-mobile fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-12.15 a.m. waqt li kien gewwa San Giljan, bhala l-imputat Eliasu Mohammed li skont ix-xhud hataflu l-istess mobile hekk kif hareg l-istess mobile biex icempel. Hu ddeskriva l-awtur tar-reat bhala ragel barrani, "iswed" u kellu "toppu" u berretta u gharfu ghall-ewwel darba fl-awla tal-Qorti waqt ix-xhieda tieghu bhala l-imsemmi imputat Mohammed. **Il-vittma ta' din is-serqa, Kurt Borg, imkien ma' semma lill-imputat l-iehor Rammi Rajab Ali Ratima u lanqas qal illi fil-waqt tas-serqa kien hemm persuna ohra fil-kumpannija tal-awtur l-imputat Mohammed.**

P.S. 790 Nathan Zammit xehed illi huwa gharaf lil-imputat Eliasu Mohammed, bhala wiehed miz-zewg persuni li gew identifikati minn Geoffrey Yacoub hdejn l-ATM tal-bank gewwa San Giljan, u kif qallu biex inizzel mal-art it-tazza li kellu f'idu dak il-hin, l-imsemmi imputat **fil-pront hareg zewg mobiles mill-but, "*waddabhom quddiemi, ta salt imbuttani u harab jigri*." Ix-xhud xehed ukoll illi l-ghada, Kurt Borg gharaf wiehed mill-imsemmija mobile phones li kien rema' quddiemu l-imputat Eliasu Mohammed, bhala l-mobile phone li nsteraqlu**. Effettivament, l-imsemmi Kurt Borg xehed illi huwa gharaf il-mobile phone tad-ditta Samsung li nsteraqlu, bhala l-mobile phone esebit in atti bhala Dok. JS1, liema mobile phone ghalkemm gie rilaxxat lilu dak il-hin, huwa rega' rritornah lill-Pulizija meta sab illi kien imkisser u ma kienx ghadu jahdem u b'hekk xtara mobile phone iehor gdid.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, senjatament il-fatt illi l-imputat Eliasu Mohammed gie identifikat minn Kurt Borg bhala l-persuna li seraqlu l-mobile u l-fatt illi huwa stabbilit mix-xhieda li l-istess mobile jirrizulta li kien fil-pussess tal-istess imputat qabel tefghu fl-art meta avvicinawh il-Pulizija hdejn l-ATM tal-bank gewwa San Giljan stess, il-Qorti ftit ghandha rizervi dwar il-htija tal-imputat Eliasu Mohammed ghal din is-serqa.

Fl-istess waqt jigi osservat illi l-imputat Rammi Rajab Ali Ratima ma jikkonfigura mkien f'din is-serqa u ma hemm ebda prova kwalsiasi, lanqas fl-okkorrenza relattiva[12] li kien hemm persuna ohra involuta fis-serqa.  Konsegwentement, il-Qorti mhijiex sre issibu hati tar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni.

Dwar il-kwalifika tal-hin jirrizulta illi din is-serqa sehhet, skont dak li xehed Kurt Borg, fil-hin tal-12.15 a.m. fil-31 ta' Marzu 2019 u ghaldaqstant is-serqa galadarba twettqet f'dan il-hin, hija aggravata bil-hin.

Ikkunsidrat;

Il-kontenzjoni tad-difiza fir-rigward hija dwar jekk il-hin li fih jirrizulta li sehhet is-serqa, cioe` fil-12.15 a.m., jinkwadrax fil-parametri tal-hin indikati fic-citazzjoni li giet impostata b'mod illi l-imputati qed jigu mixlija li wettqu serq ghad-dannu ta' Kurt Borg "*ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu (0400hrs) u l-hinijiet ta' qabel*".

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

[12] Dok. SG7, fol. 21 u 22.

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*", intqal hekk:-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[13]

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Fil-kaz in ezami, il-provi juru li l-mobile phone ta' Kurt Borg insteraq ghall-habta tal-12.15 a.m. liema hin jikkombaccja mal-hin indikat minn P.S. 790 Nathan Zerafa meta xehed illi fil-31 ta' Marzu 2019, Geoffrey Yacoub irrapporta s-serq tal-flus u mobile phone tieghu ghall-habta tat-3.30 a.m. u madwar saghtejn qabel, kien gie jirrapporta l-istess Kurt Borg illi nsteraqlu l-mobile. Billi huwa fatt notorju illi dakinhar tal-31 ta' Marzu 2019 cioe` fis-sighat bikrin ta' filghodu, il-hin ikun inqaleb b'siegha 'l quddiem[14], il-Qorti ma ssibx diffikolta` illi tqis li s-serq tal-mobile phone ta' Kurt Borg sehh f'hin vicin dak indikat mill-istess xhud cioe` l-12.15 a.m.

---

[13] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

[14] Dan gie anke konfermat fix-xhieda ta' Brandon Farrugia, 10 ta' April 2019.

Dan ifisser illi kieku l-imputazzjoni in ezami giet limitata fil-parametri temporali taghha "*ghall-habta tal-4.00 a.m.*" minghajr ebda indikazzjoni li l-fatti addebitati setghu sehhew f'hin iehor vicin, il-partikolarita` tal-hin effettivament specifikat fic-citazzjoni jkun wisq imbieghed minn dak li jirrizulta mill-provi sabiex tista' tinstab htija abbazi tal-imputazzjoni kif imfassla.

Madanakollu fil-kaz odjern, galadarba l-Prosekuzzjoni indikat ukoll il-kliem "*u l-hinijiet ta' qabel*" minnufih wara l-kliem "*ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu*", il-Qorti tifhem illi l-parametri tal-hin li fih sehh ir-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, **gew estizi oltre nofs siegha qabel il-hin indikat, cioe l-4.00 a.m. u jhaddnu fihom is-sighat iktar bikrin mill-4.00 a.m. fosthom il-hinijiet ta' wara nofsilejl meta l-gurnata qalbet mit-30 ghall-31 ta' Marzu 2019**. Konformement, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis li l-partikolarita` tal-hin indikata ghall-fini tat-tieni imputazzjoni hija idonea sabiex tirreferi ghall-hin li fih twettqet is-serqa ghad-dannu ta' Kurt Borg.

**Ghaldaqstant, il-Qorti ser issib biss lill-imputat Eliasu Mohammed hati tat-tieni imputazzjoni.**

## <u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Hawnhekk l-imputati gew mixlija illi kkommettew attentat ta' serq ghad-dannu ta' Brandon Farrugia liema serq huwa kwalifikat bil-hin. Il-Qorti fehmet illi t-tielet imputazzjoni kif imfassla tirreferi ghat-tenattiv ta' serq ta' flus u mhux tal-mobile phone ta' Brandon Farrugia, u dan ghaliex jirrizulta pjuttost manifest mill-provi illi l-**mobile phone in kwistjoni attwalment insteraq**.

Kif inhuwa risaput, illi l-Qrati taghna jiffavorixxu - u ormai huwa effettivament assodat fil-gurisprudenza in materja[15] - it-taghlim tal-Carrara in propositu tad-definizzjoni tal-*contrectatio*. Il-Carrara jhaddan it-teorija stretta tal-*amotio* li jekwipara l-*contrectatio* mas-**semplici caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih, b'mod illi r-reat tas-serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oggett ta' haddiehor mill-imputat, bl-intenzjoni li jisirqu[16]**. Skont l-interpretazzjoni tal-Carrara tal-element tal-*contrectatio*, hekk kif giet rikonoxxuta wkoll statutorjament fil-ligi Ingliza:-

"*... the theft is complete so soon as the thief has laid hands on the thing which he intended to steal and has removed it with such intent from the place where the owner had put it.*"[17]

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu, jiddefinixxi hekk dan l-element:-

"*This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt.*"[18]

Jirrizulta b'mod evidenti mill-provi illi l-elementi kollha kostituttivi tar-reat ta' serq tal-mobile phone ta' Brandon Farrugia, inkluz l-element tal-*contrectatio*, jikkonkorru galadarba l-vittma fisser kif il-mobile phone inhataf minn idejh minn zewg guvintur u nghatalu lura mill-Pulizija sussegwentement, meta waslu fuq il-post biex jarrestaw lill-imsemmija zewg persuni.

---

[15] F'diversi decizjonijiet, fosthom fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb**, deciza fid-19 ta' Frar 2014. Issir referenza ghall-insenjament tal-Carrara.

[16] Skont din it-teorija, minghajr it-tehid tal-oggett l-imputat jista' jinstab hati ta' attentat ta' serq izda mhux tar-reat komplut.

[17] Mamo Notes, Vol. II page 294.

[18] Pagna 292.

Ghaldaqstant, billi mill-provi huwa stabbilit illi kwantu ghall-mobile phone ta' Brandon Farrugia, jissussisti l-element tal-*contrectatio*, ir-reat ta' serq huwa komplut u ma jistax jigi ravvizat, fic-cirkostanzi, il-kuncett legali tal-attentat tar-reat ta' serq ta' dan l-oggett. Anke jekk effettivament l-intenzjoni tal-awturi tar-reat kienetx li jzommu l-mobile phone biss sakemm jinghataw flus bi skambju tal-mobile, huwa irrelevanti fil-fehma tal-Qorti mhux biss ghaliex anke dak il-qligh naxxenti mill-uzu temporanju tal-oggett misruq huwa bizzejjed sabiex jissussisti l-element tal-*lucro* mehtieg ghall-kommissjoni ta' dan ir-reat, izda wkoll ghaliex evidentement **l-imputati ma gewx mixlija bir-reat ta' serq izda biss bir-reat attentat**.

Fit-tielet imputazzjoni kif imfassla, il-Prosekuzzjoni ma specifikatx f'hiex tikkonsisti l-oggett tal-attentat ta' serq addebitat lill-imputati, jekk hijiex il-mobile phone jew il-flus li l-vittma jghid li riedu minghandu l-imputati. Ghalhekk, billi baqa' ma ntalbet l-ebda korrezzjoni f'din l-imputazzjoni kif impostata, sabiex din tigi taddebita lill-imputati r-reat komplut ta' serq, il-Qorti, kwantu ghas-serq tal-mobile phone, ma tistax issib htija fl-imputati.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-attentat ta' serq tal-flus ghad-dannu ta' Brandon Farrugia, mill-provi, senjatament mix-xhieda tal-istess vittma, jirrizulta illi ghall-habta tat-3.30 a.m. jew l-4.30 a.m. fil-31 ta' Marzu 2019, huwa kien bilqieghda fuq il-bankina wahdu u gew zewg guvintur li huwa gharaf bhala l-imputati, u hadulu l-mobile minn idejh. Qal illi dawn iz-zewg persuni qalulu t-tnejn li huma u bl-Ingliz imfarrak, li jridu l-flus biex jaghtuh lura l-mobile tieghu, u billi ma kellux flus fuqu mar l-ATM li kien jinsab kantuniera 'l boghod madwar 50 metru, biex jigbed il-flus ghaliex ried il-mobile lura. Ix-xhud fisser li dawn il-persuni ma talbuhx ammont u kien huwa stess li qalilhom li

hemm ATM fil-vicin u seta' jigbed il-flus biex jaghtuh lura l-mobile. Qal ukoll li hawnhekk iz-zewg persuni mxew hdejh sakemm waslu fl-ATM u l-Pulizija waslu hekk kif appena kien ser jibda jigbed il-flus. Ix-xhud stqarr ukoll illi huwa ma kellux portmoni fuqu dakinhar u ma lahaq hareg l-ebda card meta waslu hdejn l-ATM ghaliex effettivament ma kellux il-card fuqu izda dak il-hin kien nesa li ma kellux card biex ikun jista' jigbed il-flus.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi z-zewg persuni li Brandon Farrugia ddeskriva li hadulu l-mobile phone u mxew mieghu sal-ATM sabiex huwa jigbed il-flus li skont hu, riedu minghandu, huma z-zewg imputati odjerni. Dan ghaliex jirrizulta inkonfutabbilment mix-xhieda tal-istess Brandon Farrugia u tal-ufficjali tal-Pulizija li kienu involuti fl-arrest u li xehdu f'dawn il-proceduri, illi z-zewg imputati instabu magenb l-imsemmi Brandon Farrugia hdejn l-ATM u filwaqt li l-imputat Rammi Rajab Ali Ratima gie arrestat minnufih, l-imputat l-iehor Eliasu Mohammed gie arrestat ftit wara ghaliex harab minn fuq il-post hekk kif waslu l-Pulizija izda wara li rema' fl-art zewg mobile phones.

Minn ezami tax-xhieda ta' Brandon Farrugia l-Qorti fehmet illi l-imputati serqulu l-mobile phone meta fil-verita` riedu jisirqu minghandu flus izda kontanti ma kellux fuqu dak il-hin. Ghalhekk, ix-xhud akkompanjat miz-zewg imputati mar jigbed flus mill-ATM, izda eventwalment, irrejalizza wkoll illi lanqas kellu fuqu l-card biex ikun jista' jigbed il-flus mill-ATM halli jintraddlu lura l-mobile phone tieghu illi sadanittant kien ghadu qed jigi mizmum minn wiehed mill-imputati.

Huwa pacfiku fil-gurisprudenza illi t-tliet elementi li jehtieg li jigu ppruvati kumulattivament sabiex tista' tinstab htija ghal tentattiv ta' reat, f'dan il-kaz ir-reat ta' serq ta' flus, huma (1) atti esterni li juri l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat; (2)

il-bidu ta' ezekuzzjoni tad-delitt; u (3) in-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta` tal-hati.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-element tal-atti esterni jinsab debitament ippruvat bix-xhieda ta' Brandon Farrugia meta spjega kif l-imputati hadulu l-mobile phone u qalulu li riedu l-flus biex jaghtuh il-mobile lura. Ghall-Qorti dan l-att juru manifestament l-intenzjoni tal-imputati li jikkommettu serq ta' flus minghand Brandon Farrugia. Madanakollu, ghalkemm huwa ppruvat ukoll il-bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq tal-flus ghaliex iktar minn hekk l-imputati effettivament **akkumpanjaw lill-vittma sal-ATM bil-ghan illi b'hekk jiehdu l-flus li kellu jigbed l-istess Brandon Farrugia** suppost bi skambju tal-mobile phone tieghu, jirrizulta illi l-vittma **la kellu flus kontanti fuqu u lanqas card biex jigbed dan il-flus f'kontanti.**

Ghalhekk tinsorgi d-domanda: jistax fic-cirkostanzi dawn l-atti preparatorji ghall-ezekuzzjoni tar-reat ta' serq, ossia t-tehid tal-mobile phone ta' Brandon Farrugia bil-ghan li jigi estortat il-flus u l-akkompanjament tal-istess vittma lejn l-ATM tal-bank biex jinsteraq dan il-flus, jitqies li huwa mezz idoneu biex iwassal ghall-kommissjoni tar-reat ta' serq ta' flus.

Il-Qorti hawnhekk sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gregorio Attard** deciza fl-14 ta' Frar 1962, li ttrattat l-imputazzjoni ta' tenattiv ta' serq ta' travellers' cheques li, kif gie sottomess mid-difiza, ma setghux jigu msarrfin mill-imputat ghaliex ma kienux intestati lilu u konsegwentement il-mezz adoperat kien assolutament insufficjenti. F'dik is-sentenza gie ritenut illi:-

*"Huwa maghruf illi l-inidoneita` tal-mezzi adoperati biex jigi kommess serq tista' tkun assoluta u tista' tkun relattiva, u illi l-inidoneita` assoluta biss timpedixxi*

*guridikament it-tentattiv ta' serq; u* ***l-inidoneita` tibqa' relattiva, u ma ssirx assoluta, anki jekk il-mezzi wzati ma kienux kapaci li jikkonducu ghall-kommissjoni tad-delitt, kwante volte, pero` ma kienux hekk kapaci minhabba cirkostanzi eccezzjonali, u kemm-il darba dik il-konsummazzjoni, fin-nuqqas ta' dawk ic-cirkustanzi, jew fil-konkors ta' cirkustanzi ohra, setghet grat****".*[19] [enfasi ta' din il-Qorti]

Dwar dan il-punt, fin-noti tieghu, il-Professur Mamo jghid hekk[20]:

"*Now the notion of 'commencement of execution' necessarily implies the possibility of completing the intended crime in the manner proposed. It cannot be said that the execution is begun if the act performed cannot absolutely lead, if completed, to the actual commission of the crime, or, in other words, if, in the circumstances, the consummation of the attempted crime was utterly impossible.*

*... in order that there may be an attempt there must be a possibility of a successful issue. ... But, as was stressed in Rex V. Cassar (C.C. 18-XI-41), in order to exclude the attempt the impossibility of a successful issue must be absolute*." [21]

L-istess Professur Mamo jghid ukoll illi "*the inefficiency of the means in order to exclude criminal liability, must be absolute*." Huwa jirreferi ghall-awtur Carrara li jiddeskrivi l-ineffikacja tal-mezzi adoperati bhala assoluti, fi kliem l-istess Professur Mamo, "*when the means used could in no circumstances injure the right sought to be invaded whoever or whichever the person or thing against whom or upon which they*

[19] Ara wkoll: Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmelo Busuttil**, deciza fis-6 ta' Mejju 1960:- *"It-tentattiv jista' jigi eskluz bl-inidoneita` assoluta tal-mezz adoperat u ghalhekk f'dan il-kaz kien eskluz "pro tanto" ghal dik il-kwantita' li tissupera 3.11 tunellati li kienet il-kapacita` massima tal-iskuna".*

[20] Lectures in Criminal Law, pg. 116, 117.

[21] Enafsi tal-Qorti.

*were directed*". Konsegwentement, "*... the inefficiency of the means chosen is absolute* [when] *the achievement of the wrongful purpose was always impossible*".

Konformement, l-ineffikacja tal-mezz titqies li hija assoluta meta tkun inerenti fil-mezz innifsu cioe` meta dan il-mezz ma jkunx fih innifsu kapaci jipproduci l-element li jirrendi komplut u konsmat id-delitt li qed jigi tentat. Minn dan jikkonsegwi illi filwaqt illi s-semplici insufficjenza tal-mezz adoperat ma tiswix biex teskludi l-konfigurabbilita` tat-tentattiv, il-mezz ghandu jitqies li huwa inidoneu meta minnu dan ab origine fih xi ostakolu ghall-attwazzjoni tad-delitt *"... **mentre l'inidoneita` successiva non rende impossibile il compimento di atti diretti a commettere l'illecito**, ma elimina la sola possibilita` di un ulteriore svolgimento efficace della azione e, quindi, alla consumazione del reato*".[22] [enfasi tal-Qorti]

F'dan il-kaz, il-Qorti ma taqbilx illi l-mezz adoperat mill-imputati kien instrinsikalment ineffikacji jew inidoneu sabiex jigi eventwalment ikkonsmat ir-reat ta' serq ta' flus. Huwa minnu illi mill-provi jirrizulta illi effettivament, Brandon Farrugia ad insaputa tal-imputati, la kellu flus fuqu u lanqas card biex jista' jigbed il-flus bih u jghaddi l-kontanti lill-imputati, izda sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post fil-waqt li huwa gie biex jipprova jigbed il-flus mill-ATM, lanqas il-vittma nnifsu ma kien konsapevoli illi ma kellux il-mezz biex jigbed il-flus.

Il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' konsapevolezza tal-vittma illi wara kollox ma kellux fil-pussess tieghu l-oggett tas-serq intentat mill-imputati jew il-mezz biex jakkwistah, ma tistax fil-fehma tal-Qorti jopera biex jezonera lill-imputati mill-htija ghad-delitt tat-tentattiv ta' serq. Kif gia` nghad, it-tehid *ut sic* tal-mobile phone anke bhala mezz biex iwassal ghas-serq ta' flus, jammonta mhux biss ghar-reat konsmat ta' serq izda, fil-fehma tal-Qorti, jitqies ukoll bhala l-bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq tal-flus,

[22] Commentario Breve al Codice Penale" ta' Crespi, Stella u Zuccalà, CEDAM, 2006; p. 248.

u tant kien effikacji l-att preparatorju ghall-ezekuzzjoni tad-delitt da parti tal-imputati, konsistenti fis-serq tal-mobile, illi **l-vittma offra huwa stess illi jigbed il-flus biex jista' jakkwista lura l-mobile phone tieghu minghand l-imputati**. Kien biss *ex post facto* u wara li gie sfrattat it-tentattiv tas-serq tal-flus bil-wasla tal-Pulizija fuq il-post illi rrizulta li t-tentattiv ma kienx jiswa, u l-Qorti ghalhekk tifhem illi l-mezz ma kienx jiswa biss minhabba cirkostanzi eccezzjonali li fin-nuqqas taghhom it-tentattiv tad-delitt seta' jkompli jitwettaq.

Kwantu ghat-tielet element mehtieg ghad-delitt attentat, cioe` in-nuqqas ta' esekuzzjoni minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta` tal-imputati, dan huwa ravvizabbli manifestament fil-wasla tal-Pulizija fuq il-post u l-arrest sussegwenti tal-imputati.

**Ghaldaqstant, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmulin, il-Qorti sejra ssib reita` fiz-zewg imputati ghat-tielet imputazzjoni ta' attentat ta' serq ta' flus ghad-dannu ta' Brandon Farrugia, liema attentat huwa wkoll aggravat bil-hin.**

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni</u>**

Din l-imputazzjoni taddebita liz-zewg imputati r-reat taht l-Artikolu 86 u 87(1)(e) tal-Kap. 9. L-Artikolu 86 jipprovdi hekk:-

*"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi*

*arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:"*

Huwa pacifikatament ritenut illi sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-Artikolu 86 u cioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta` taghha, u dan minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti[23]. Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu[24] jghid hekk dwar l-element materjali tar-reat in dizamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[25]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni, u tosserva illi din tinsab fondata fuq dak li xehed Brandon Farrugia meta fisser kif iz-zewg imputati akkompanjawh lejn l-ATM tal-bank sabiex jigbed il-

[23] **Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.

[24] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].

[25] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.

flus li huma talbuh sabiex iroddulu lura l-mobile phone li kienu ghadhom kif serqulu. Fir-rigward, Brandon Farrugia xehed illi z-zewg persuni li hadulu l-mobile phone u li huwa gharafhom fl-awla bhala z-zewg imputati, imxew hdejh "*ezatt ma' genbi*" biex jakkompanjawh sal-ATM u dan sabiex huwa jibda jigbed il-flus li talbulu. Il-vittma xehed hekk:-

"*Hemm riedu il-flus biex jaghtuni il-mobile lura li* ***jien ma kellix flus u offrejt*** *il ... imbaghad jien ma kellix cash fuqi, morna fejn l-ATM biex nigbed il-flus…*" [enfasi tal-Qorti]

Brandon Farrugia xehed ukoll illi minn fejn kien bil-qieghda barra l-istabbiliment fejn l-imputati hadulu l-mobile phone, sakemm waslu l-ATM, damu inqas minn minuta u sadanittant mieghu kien hemm biss iz-zewg persuni l-ohra li hadulu l-mobile u ftit persuni ohra fit-triq. Dawn iz-zewg persuni "*kienu qed jimxu magenbi*" izda x-xhud ma jiftakarx kienux mexjin wiehed fuq kull naha. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk "*Hassejtekx mhedded li ma stajtx titlaq jew tmur x'imkien iehor jew semplicement ghax ridt il-mobile*", huwa wiegeb "*Mhux ha nitlaq hekk mhux ha niehu l-mobile lura*".

"*L-unika raguni li bqajt timxi maghhom jew huma jimxu mieghek.*"

"*Ezatt.*"

Il-Qorti wara li fliet din ix-xhieda, tosserva illi kien Brandon Farrugia nnifsu li offra li jigbed il-flus kontanti mill-ATM u ma jirrizultax li huwa gie mhedded mill-imputati sabiex jaghmel dan. Izda iktar sinjifikanti minn hekk huwa l-fatt illi x-xhud stqarr bla tlaqliq illi huwa mexa lejn l-ATM bl-imputati magenbu, ghaliex ma riedx jitlaq minghajr il-mobile. Dan ghall-Qorti jfisser illi ghalkemm il-vittma mar l-ATM kontra

r-rieda tieghu u mar unikament sabiex jista' jikseb lura minghand l-imputati l-pussess tal-mobile phone li kienu ghadhom kif serqulu, dan ghamlu ghaliex offra huwa stess li jigbed il-flus mill-bank. Il-Qorti fehmet illi Brandon Farrugia kien liberu illi jitlaq minghajr xkiel u ghalkemm gie akkompanjat miz-zewg imputati sal-ATM, ma jirrizultax li huwa kienx trasportat jew mgieghel jimxi sal-ATM taht l-iskorta tal-imputati.

Konformement, billi huwa mankati l-element tas-sekwestru, arrest jew detenzjoni tal-vittma f'dan il-kaz, huwa mankanti wkoll wiehed mill-elementi materjali tar-reat taht l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 u r-reat prospettat mir-raba' akkuza ma jistax jissussisti.

**Ghaldaqstant, ma tistax tinstab htija fl-imputati ghar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni.**

**<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>**

Hawnhekk il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa minnu illi fl-istqarrija taghhom iz-zewg imputati, hemmhekk suspettati, ammettew illi kienu qed jixorbu fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019, ma jirrizultax kwantu ghall-imputat Rami Rajab Ali Ratima illi huwa kien fis-sakra u ma kienx x'jaf x'inhhu jaghmel u lanqas ingiebet xi prova li turi li huwa ma kienx kapaci jiehu hsieb lilu nnifsu. Din il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni u l-Qorti ma tqisx illi l-fatt illi persuna tistqarr li xorbot l-alkohol jista' *ut sic* jiswa ghal sejbien ta' htija ghar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9. Fil-kaz *de quo* ma jissussistux, fil-fehma tal-Qorti, l-estremi ta' dan ir-reat kontravvenzjonali fil-konfront tal-imputat Rammi Rajab Ali Ratima.

Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat Rammi Rajab Ali Ratima hati tal-hames imputazzjoni.

Izda mhux l-istess jista' jinghad kwantu ghall-imputat Eliasu Mohammed illi fl-istqarrija tieghu, mhux biss ammetta li xorob hafna alkohol fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2019 izda spjega illi huwa xorob hames shots tal-vodka u zewg birer u maghdud dan stqarr illi kien fis-sakra u qal "*… I didn't know what was going on yesterday*". Billi din il-konfessjoni saret volontarjament u wara illi l-imputat inghata u pprevalixxa ruhu mid-dritt ghall-assistenza legali izda rrifjuta l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti tqis illi dak li gie mistqarr mill-imputat fl-istess stqarrija tikkostitwixxi prova kontra l-istess imputat u ghaldaqstant l-element tar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ff) jinsabu debitament ippruvati.

## L-IMPUTAZZJONIJIET KONTRA ELIASU MOHAMMED WAHDU

### Is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Imputazzjonijiet

L-imputat Eliasu Mohammed gie mixli bid-delitti prospettati mill-Artikoli 95 u 96 kif ukoll bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 95, dan il-provvediment jipprospetta htija f'kull min:-

"*… jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan*

*is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz…*"

Fil-kaz in dizamina, l-imputat Eliasu Mohammed harab mill-Pulizija hekk kif appena intervjenew waqt li huwa kien jinsab flimkien mal-imputat l-iehor u ma' Brandon Farrugia hdejn l-ATM tal-bank gewwa San Giljan. Dak il-hin l-imputat Mohammed rema' fl-art zewg mobile phones u harab jigri, segwit mill-Pulizija sakemm irnexxielhom jissekwestrawh, f'liema stadju huwa pprova jirrezisti l-arrest. Fir-rigward ta' dan l-episodju xehdu P.S. 790 Nathan Farrugia, u P.C. 191 Alan Sammut.

P.S. 790 Nathan Farrugia xehed illi meta eventwlament lahhquh u pprovaw jarrestawh, l-imputat deher li seta' kien fi stat aggressiv u beda jirrezisti tant illi x-xhud kellu diffikolta` biex ilibbislu l-manetti, u fost hafna ghajjat bl-Ingliz bhal "*mhux jien, halluni*", kien qieghed ukoll ixejjer idejh biex jipprova jolqot lilu u lill-ufficjali tal-Pulizija li kien hemm mieghu. P.C. 191 Alan Sammut fit-testimonjanza tieghu spjega illi meta rnexxielhom jaqbdu lil Eliasu Mohammed huwa kien aggressiv hafna, beda jxejjer idu u pprova jerga' jahrab tant li meta x-xhud qabbdu mill-flokk, huwa nehha wkoll il-flokk biex jevita l-arrest.

Mill-ewwel il-Qorti tqis illi mill-provi akkwiziti fl-atti, l-elementi materjali ta' ingurja, theddid jew offizi fil-konfront tal-persuni tal-ufficjali tal-Pulizija, ma gewx ippruvati u lanqas jikkonfiguraw. Imkien ma saret referenza fix-xhieda tal-imsemmija ufficjali tal-Pulizija illi l-imputat heddidhom jew ingurjahom jew ikkagunalhom offizi fuq il-persuna taghhom.

**Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghar-reat taht l-Artikolu 95 tal-Kap. 9.**

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-imputazzjoni taht l-Artikolu 96, li taddebita lill-imputat ir-reat ta' attakk jew resistenza, il-Qorti tosserva illi sabiex tinsab reita` ghal dan id-delitt l-elementi kostituttivi tar-reat li jehtieg li jigu ppruvati huma illi l-hati jkun attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, u dan fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Wara li qieset it-testimonjanza taz-zewg ufficjali tal-Pulizija li kienu involuti fis-segwiment u l-eventwali arrest tal-imputat hekk kif harab wara li rema' fl-art iz-zewg mobile phones allegatament misruqin li kienu fil-pussess tieghu, il-Qorti hija tal-fehma illi hemm bizzejjed provi biex jikkonvincuha sal-grad rikjest mil-ligi illi l-agir tal-imputat dak il-hin, ghalkemm ma hemmx prova li huwa attakka lill-persuni in kwistjoni, jammonta ghal rezistenza vjolenti ghall-arrest. Iz-zewg xiehda fissru kif l-imputat kien aggressiv, beda jxejjer idejh biex jolqothom, tant illi P.S. 790 qal li kellu diffikolta` biex ilibbislu l-manetti.

Jirrizulta wkoll illi dak il-hin, iz-zewg ufficjali tal-Pulizija kienu qed jipprovaw jarrestaw lill-imputat u illi dan l-arrest kien wiehed legittimu fic-cirkostanzi. Dan ghaliex mill-provi jirrizulta illi l-arrest kien qed jigi ezegwit hekk kif il-Pulizija kienu ghadhom kif lahhqu mal-imputat wara li kien harab ftit sekondi wara li waslu biex jarrestawh fuq rapport ta' Geoffrey Yacoub illi l-istess imputat kien il-persuna li kienet ghadha kif serqitlu l-mobile phone, u kwindi kien hemm talanqas suspett ragjonevoli illi l-imputat kien ghadu kif wettaq delitt punibbli bi prigunerija. Ta' min jghid ukoll illi l-imputat harab mill-Pulizija minnufih wara illi gie kkonstatat li effettivament huwa kellu fil-pussess tieghu zewg mobile phones.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti u fic-cirkostanzi li jemergu mit-testimonjanza taz-zewg ufficjali tal-Pulizija, fil-waqt li l-imputat kien qed jirrezisti bi vjolenza l-arrest, l-istess ufficjali tal-Pulizija kienu qed jezegwixxu l-ligi ghaliex kellhom is-setgha u kienu inkarigati skont is-subinciz (1) kif ukoll skont is-subinciz (3) tal-Artikolu 355X tal-Kapitolu 9, illi jipprocedu ghall-arrest tal-imputat anke minghajr mandat ta' arrest.

Fis-sentenza li nghatat fit-12 ta' Settembru 1996 il-Qorti tal-Appell Kriminali irrientiet hekk in materja ta' dan l-element tar-reat taht l-Artikolu 96:-

*"... biex jissussisti dana r-reat irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (f'dan il-kaz pulizija), izda wkoll li dana l-attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir fil-waqt li dik il-persuna* ***tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti****. Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95".*

**Ghaldaqstant, billi l-elementi kollha tar-reat taht l-Artikolu 96 gew debitament ippruvati, il-Qorti qed issib lill-imputat Eliasu Mohammed hati tas-sitt imputazzjoni.**

Ikkunsidrat ulterjorment;

Billi qed tinstab htija ghad-delitt taht l-Artikolu 96, il-Qorti tqis illi ghandha tintsab ukoll htija ghat-tmien imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ee). Madanakollu, billi huwa evidenti illi l-agir tal-imputat Eliasu Mohammed fir-rigward serva bhala mezz biex jitwettaq ir-reat taht l-Artikolu 96, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ser tinghata piena biss ghar-reat l-iktar gravi cioe` dak kontemplat mill-Artikolu 96 tal-Kap. 9

**<u>Id-Disa' Imputazzjoni</u>**

Il-Qorti ma tistax issib reita` fl-imputat Eliasu Mohammed ghal dan ir-reat kontravvenzjonali: huwa veru illi huwa ammetta waqt l-interrogazzjoni illi meta applika mal-awtoritajiet Taljani ghall-hrug ta' dokument ghall-ivvjaggjar[26], huwa pprovdilhom data tat-twelid falza (2 ta' Mejju 1008), izda mill-kontenut tal-istqarrija tieghu[27] il-Qorti tosserva illi meta l-Pulizija, waqt l-investigazzjonijiet dwar ir-reati li jinsab mixlijin bihom f'dawn il-proceduri, talbuh jaghti d-dettalji tieghu, l-**imputat tahom id-data tat-twelid proprju tieghu, ossia 19 ta' Mejju 1995**. Kienet tkun differenti l-pozizzjoni legali kieku l-imputat semplicement ta lill-Pulizija d-dokument bid-dettalji foloz biss, u waqaf hemm, izda f'dan il-kaz il-provi juru illi huwa volontarjament u spontanejament ta lill-Pulizija, fuq talba taghhom, it-taghrif korrett u veritjer.

Ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx illi f'dawn ic-cirkostanzi tista' tikkonkludi illi l-imputat, kwantu d-data tat-twelid tieghu, ta taghrif falz lill-Pulizija – jekk ta xi

[26] Numru MD0025211, esebit fl-atti bhala Dok. JS3 a fol. 51.

[27] Dok. SG14 a fol. 31 *et seq*.

partikolaritajiet foloz dawn inghataw lill-awtoritajiet Taljani u mhux lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz.

**<u>Imputazzjonijiet Ghaxra u Hdax</u>**

Hawnhekk l-imputat gie mixli bil-pussess ta' droga kokaina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 101 u r-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern ta' drogi perikoluzi. B'referenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-espert nominat mill-Qorti biex janalizza s-sustanza konsisti fi trab ta' lewn abjad suspettata kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat meta gie arrestat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni hija ghaliex, kif wara kollox kien sostna l-istess imputat waqt l-interrogazzjoni, jirrizulta illi din is-sostanza ma fihiex sostanzi illeciti izda biss paracetamol li hija l-active ingredient tal-panadol. Billi sejjer jigi liberat mill-ghaxar imputazzjoni, il-Qorti mhijiex serjra tordna lill-imputat Mohammed ihallas l-ispejjez tal-espert Godwin Sammut mahtur minnha ghall-fini tal-analizi tas-sostanza in kwistjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-imputazzjoni li l-imputat kellu fil-pussess tieghu il-pjanta kannabis kollha jew bicca minnha fil-31 ta' Marzu 2019 u fis-snin ta' qabel, il-Qorti ma tqisx li tista' ssib reita` ghall-imputazzjoni kif impostata fic-citazzjoni.

Ghalkemm huwa minnu illi l-imputat fl-istqarrija tieghu li giet rilaxxata minnu fil-31 ta' Marzu 2019 ammetta illi huwa jpejjep "weed" u ghall-mistoqsija "*How long have you been smoking Cannabis*?" huwa wiegeb illi ilu madwar tmien snin, ma ngabet l-ebda prova illi d-droga li l-imputat stqarr li jikkonsma, huwa effettivament cannabis u mhux ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet ohrajn li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Il-mod generiku li bih ammetta ghall-konsum tad-droga li

ddeskriva fi kliemu stess bhala "weed" m'huwiex bizzejjed, fl-assenza totali ta' provi ohrajn imressqin mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni, ghal sejbien ta' htija. Ghall-Qorti, din l-ammissjoni ghalkemm saret fl-istqarrija li titqies bhala l-prova regina fil-kamp kriminali, m'hijiex inekwivoka u ma tikkonvincix lill-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi illi l-"weed" li l-imputat ammetta li jpejjep huwa dak ravvizat fl-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 li huwa evidentement il-bazi li fuqha giet imfassla il-hdax l-imputazzjoni in dizamina.

Izda fuq kollox, billi l-Prosekuzzjoni lanqas ressqet xi prova dwar ir-regolarita` tal-uzu, piz, purita` u valur fis-suq tad-droga in kwistjoni, din il-Qorti hija sprovvista mill-prova dwar fatti li huma essenzjali u indispensabbli sabiex tasal ghal gudizzju dwar din l-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat minn kull htija ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**<u>Imputazzjoni Numru Tnax</u>**

Madanakollu, minn dak li ammetta volontarjament l-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu, skont kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu[28], huwa ma ghandux residenza fissa gewwa Malta, jorqod barra, jinsab bla impieg u lanqas jiftakar meta l-ahhar hadem bi qliegh. Dawn il-fatturi kollha maghdud maghhom il-fatt illi l-imputat qed jinsab hati li wettaq diversi reati, iwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-imputat huwa hati tar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 li jghix hajja ta' ghazz u vagabanduagg.

[28] Fol. 31 *et seq*.

**<u>Piena</u>**

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti filwaqt illi hadet qies tal-gravita` tar-reati kommessi mill-imputati, li huma reati serji li jimminaw is-sens ta' serenita` u sigurta` tas-socjeta`, u kkunsidrat ukoll l-eta` relattivament zghira tal-imputati li entrambi ghandhom fedina penali kompletament netta, kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom twettqu dawn ir-reati u l-fatt illi z-zewg imputati sa minn meta tressqu b'arrest mixlija bir-reati mertu ta' dawn il-proceduri, diga` sal-lum ghamlu hames xhur taht arrest preventiv. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha taghti **l-ewwel u l-ahhar opportunita`** lill-imputati sabiex jaghrfu jimxu fuq binarji tajbin u jzommu 'l boghod mid-delinkwenza.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi ma ssibx lill-imputat RAMMI RAJAB ALI RATIMA hati tat-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, u filwaqt illi ma ssibx lill-imputat ELIASU MOHAMMED hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4), is-seba' (7), id-disa' (9), l-ghaxar (10) u l-hdax (11) l-imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 20, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 276 u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess RAMMI RAJAB ALI RATIMA wahdu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni illi ikkommetta serq ghad-dannu ta' Geoffrey Yacoub, liema serq huwa kwalifikat fil-vjolenza u bil-hin; wara li rat l-Artikoli 31, 41(1)(a), 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputati RAMMI RAJAB ALI RATIMA u ELIASU MOHAMMED hatja tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontrihom cioe` illi ikkommettew attentat ta' serq ghad-dannu ta' Brandon Farrugia, liema serq huwa kwalifikat bil-hin; u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 96(a), 261(f), 270, 281(a), 338(w), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'**

**Malta, qieghda ssib lill-imputat ELIASU MOHAMMED wahdu hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni illi kkommetta serq ta' mobile phone ghad-dannu ta' Kurt Borg, u tal-hames (5) is-sitt (6), it-tmien (8) u t-tnax (12) l-imputazzjoni; u filwaqt li tikkundanna lil RAMMI RAJAB ALI RATIMA ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija, tikkundanna lil ELIASU MOHAMMED ghal hdax (11)-il xahar prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna illi kwantu ghal RAMMI RAJAB ALI RATIMA, is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u illi kwantu ghal ELIASU MOHAMMED is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hatjin, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghhom taht l-Artikolu 28B jekk jikkommettu, matul il-perjodu operattiv rispettiv tas-sentenzi taghhom, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT**